MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 593/2004/1

**Oliver u Josephine konjugi Giorgio**

**vs**

**Vella Group Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta’ Marzu, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 t’Ottubru tas-sena 2004, li permezz tieghu l-atturi sejhu lis-socjeta` konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-atturi d-danni kkagunati fil-hajt proprjeta` tal-atturi fi Triq il-Merill, Kappara,

kkagunati unikament rizultat tan-nuqqas ta' hsieb, tat-traskuragni u tan-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tal-kumpanija konvenuta, meta remiet kwantita` ta' radam fi proprjeta` adjacenti ghall-proprjeta` tal-atturi, liema radam holoq hsara lill-imsemmi hajt tal-atturi meta ghamlet l-ewwel xita fid-19 ta' Settembru tas-sena 2004, u l-ilma tax-xita kaxkar ir-radam ghal fuq il-hajt, liema danni jigu likwidati okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

2. Ghall-finijiet ta' kompetenza, jigi dikjarat illi l-hsarat sofferti ma jeccedux is-somma ta' hamest elef Lira Maltin (LM5,000,0);

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 t'Ottubru tas-sena 2004, u bl-imghax skond il-ligi;

4. Ir-rapprezentanti tal-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota datata l-10 ta' Jannar tas-sena 2005, li permezz taghha s-socjeta` konvenuta ecceppiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi d-danni allegati mill-atturi ma gewx ikkagunati minhabba xi nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti minn naha tas-socjeta` konvenuta izda gew kagunati unikament minhabba nuqqas ta' manteniment tal-hajt in kwistjoni liema hajt thalla fi stat zdingat u mitluq ghal zmien twil;

2. Illi *in oltre* u minghajr pregudizzju m'huwiex minnu illi l-hsara giet kagunata minhabba xi radam illi gie mitfuh fil-fond adjacenti ghal dak tal-atturi tant illi fil-fatt wara dan l-incident l-istess atturi komplew izidu ma' l-istess radam billi tefghu l-gebel tal-hajt antik fuq l-istess radam ezistenti;

3. Illi *in ogni* caso l-atturi ghandhom jippruvaw illi l-hsara allegata giet kagunata unikament minhabba r-radam li hemm fil-fond adjacenti okkorrendo bil-hatra ta’ periti nominandi;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz;

5. Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat il-verbal taghha datat is-26 t’April tas-sena 2005, li permezz tieghu hatret perit espert biex jassistiha f’din il-procedura fit-termini hemm indikati;

Rat id-dokumenti esebiti inkluz ir-relazzjoni peritali;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi f’Gunju tas-sena 2004, sar zvilupp fuq in-naha ta’ wara tar-residenza tal-atturi;

2. Illi biex ikun jista’ jsir dan l-izvilupp tqabbdet is-socjeta` konvenuta li hamlet l-art in dizamina b’rizultat li kwantita` kbira ta’ dan, inkluz gebel kbir, tpogga jistrieh mal-hajt proprjeta` ta’ l-atturi;

3. Illi x-xogholijiet involuti twaqqfu f’Settembru ta’ l-istess sena;

4. Illi t-triq li giet hekk iffurmata kienet gholja hafna u per konsegwenza l-passagg ta' l-ilma tax-xita inbidel radikalment tant li meta fid-19 ta' Settembru tas-sena 2004, ghamlet xita ta' certu kwantita` dawn ix-xogholijiet stradaw l-ilmijiet li kien hemm fid-direzzjoni tal-hajt ta' l-atturi u kkagunawlhom il-hsarat li huma l-meritu tal-procedura odjerna;

5. Illi biex jerga' jpoggi l-hajt f'sitwazzjoni li seta` jiflah l-aggressjoni naturali li issa bidet taggredieh, l-atturi kellhom jonfqu l-ammont ta' elfejn u sittin Lira Maltin u dsatax-il centezmu (LM2,060.19,0), biex ikunu issa jistghu jserhu rashom;

6. Illi stante li s-socjeta` konvenuta rrifjutat ir-responsabbilita` taghha, l-atturi ma kellhom l-ebda alternattiva hlief li jipprocedu b'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad ukoll is-segwenti:

1. Illi x-xogholijiet ta' skavar saru f'art li kien fiha dizlivell;

2. Illi pero' precedentement ghal dan ix-xoghol jirrizulta li kien ukoll sar xi xoghol ta' bankini mill-Kunsill Lokali, li jidher li ma kienux gew kompluti kif ippjanati u twaqqfu nofs xoghol;

3. Illi pero' skond il-Kunsill Lokali de quo, jirrizulta li s-socjeta`konvenuta ma kienetx inghatat il-permessi necessarji biex taghmel ix-xogholijiet li ghamlet u li kienu l-konsegwenza diretta tal-hsarat sofferti mill-atturi;

Ikkunsidrat:

Illi l-espert tekniku fuq riferit ikkonkluda s-segwenti:

1. Illi qabel l-intervent strutturali tas-socjeta` konvenuta qatt ma kien hemm problemi kkawzati mix-xita fil-post in dizamina;

2. Illi ghalhekk il-bini tat-triq mis-socjeta` konvenuta kienet il-kawza tal-hsarat riskontrati mill-atturi;

3. Illi ghalkemm il-`*culvert*` jew gandott seta` kkontribwixxa ghall-istess, jibqa' l-fatt li nbena qabel it-triq u ghalhekk is-socjeta` konvenuta kien messha haditu wkoll in konsiderazzjoni meta bniet it-triq de quo, biex ma jkunx hemm konsegwenzi nefasti fuq terzi;

4. Illi l-fatt li l-istess socjeta` konvenuta effettwat riparazzjonijiet korrettorji jindika li kienet taf x'kellu jsir qabel ma giet ikkawzata l-hsara in dizamina u naqset li taghmilhom;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti m'ghandhiex ragunijiet biex ma taqbilx ma' dawn il-konkluzzjonijiet u konsegwentement qed tikkonfermahom;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ghandha tinzamm responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-atturi;

Illi di piu`, minhabba l-konfigurazzjoni gdida tat-triq, u fuq l-esperjenza negattiva li ghaddew minnha, l-atturi ma kellhom l-ebda alternattiva hlief li jibnu l-hajt li twaqqalhom b'mod li jkun jista' jiflah il-kwantitajiet ta' ilma li issa gie direzzjonat fuqhom;

Ghaldaqstant din il-qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta u filwaqt li takkolji t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Vella Group Limited hi unikament responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-atturi Oliver u Josephine Giorgio, meritu ta' din il-procedura;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-imsemmija atturi fl-ammont ta' elfejn u sittin Lira Maltin u dsatax-il centezmu (LM2,060.19,0), ekwivalenti ghal erbat elef seba' mija u tmienja u disghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€4798.95);

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta fuq indikata biex thallas lill-atturi fuq indikati l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet, legali skond il-ligi mill-1 t'Ottubru tas-sena 2004, kontra s-socjeta` konvenuta."

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza biex tressaq dawn l-aggravji:-

1. L-ewwel Qorti ma ghamletx apprezzament gust tal-fatti, ikkonsidrat fatti ohra li mill-provi ma jirrizultawx u, f'kull kaz iddecidiet il-vertenza b'mod zbaljat ghall-motiv li mill-provi kienu jirrizultaw cirkostanzi illi ma kienux jaghmluha unikament responsabbli ghall-akkadut;

2. Fir-rigward ta' l-entita tad-danni l-likwidazzjoni hi wahda eccessiva u mhux konformi ghad-dettami ta' l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili;

Fir-rigward ta' l-ewwel aggravju l-kumpanija appellanti tissenjala dawn l-aspetti:-

1. Gja sena qabel l-incident (2003) kien hemm problemi ta' gharar meta taghmel ix-xita u li l-kawza ta' dan kien il-kanal mikxuf illi halliet l-ADT wara li saru xoghlijiet fil-bankini fi Triq G. Despott;

2. Dan il-fatt materjali ma giex ikkonsidrat kif jixraq mill-ewwel Qorti fl-analisi tal-provi u tali kien jaghmel inkompleta l-valutazzjoni taghha in mertu ghall-fattur tar-responsabilita`;

Il-fatti li taw lok ghall-kawza qed jigu brevement ri-epilogati kif gej:-

(1) Skond l-attur (fol. 10) is-socjeta` konvenuta, fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt ta' skavar lilha kommissjonat minn terzi fi plot intiza ghall-izvilupp, kellha twitti t-triq temporanja bir-radam sabiex taccedi ghall-plot. L-attur jiddikjara illi fil-formazzjoni ta' din it-triq inholoq speci ta' dizlivell li kien kagun tad-devjazzjoni ta' l-ilma u dan gibed kwantita ta' radam u ta' gebel ghal fuq il-hajt tal-gnien tieghu bil-konsegwenza li dan garrab hsarat u nfethu l-fili tieghu;

(2) Skond il-Perit Renato Laferla (fol. 32), inkarigat mill-atturi ghall-ispezzjoni tal-hsarat, l-istess hsarat setghu gew evitati kieku giet adoperata attenzjoni adegwata mis-socjeta` skavatrici u l-materjal inzamm separat b'ilqugh minn mal-hajt proprjeta` ta' l-atturi;

Issa mill-perizja tal-Perit Andre` Pizzuto (fol. 41) huwa ta' rilevanza l-konstatazzjonijiet li jsegwu:-

1. Ir-radam ghall-formazzjoni tat-triq temporanja li saret mis-socjeta` konvenuta kien iffurmat minn gebel ta' diversi qisien u ccattjat minn naha tal-wicc minn fejn kellhom jghaddu l-ingenji u bi *slope* fil-genb fuq in-naha tal-ghalqa li tati ghall-hajt tal-gnien ta' l-atturi. Ma nbeniex *retaining wall* sabiex jerfa' l-piz tat-triq u tal-vetturi li jghaddu minn fuqha;

2. Ix-xita li nizlet ziedet il-piz ta' dan ir-radam bil-konsegwenza li xi partijiet minnu seta' zzerzaq mal-genb ta' l-is*lope* li kienet qed tifforma t-triq;

3. L-ilma tax-xita li hareg mill-gandott ghal fuq l-istess *slope* seta' wkoll ikkontribwixxa biex ir-radam iddisloka ruhu, u flimkien ma' l-ilma iddevja lejn in-naha tal-hajt ta' l-atturi;

4. Importanti l-osservazzjoni tal-perit tekniku in konkluzjoni illi "l-prezenza ta' din it-triq temporaneja kienet il-fattur <u>determinanti</u> ghall-hsarat li ngarrbu". Huwa ssokta jopina illi ghalkemm il-gandott kien ukoll fattur reali ghall-hsarat konsegwenzjali, gjaladarba dan kien inbena qabel il-formazzjoni tat-triq, is-socjeta` konvenuta kellha terfa' r-responsablita` li tassikura illi bl-izvilupp tat-triq ma jkunx hemm konsegwenzi ghal terzi persuni;

Fid-decizjoni taghha fl-ismijiet "**Citadel Insurance plc nomine -vs- Paul Berry *et***", (24 ta' Jannar, 2007) din il-Qorti rreteniet dan:-

"... jemergi espressament mill-Artikolu 1032 (1) Kodici Civili illi "jitqies fi htija min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja". Fl-opra "**Le obbligazioni da fatto illecito**" (Edizione Utet, 2004) kurata minn **Massimo Franzoni** jinsab spjegat illi "*con il termine '<u>diligenza</u>' si indica una forma di attenzione nei confronti dell' altrui sfera giuridica, che si traduce generalmente nell' obbligo di adottare una condotta positiva o di svolgere una certa attivita` secondo particolari modalita`; si indica, quindi, il comportamento di un soggetto attento ed oculato nel raggiungimento di un determinato fine*" (pagna 25). Jikkonsegwi illi min jonqos li jikkonduci ruhu skond il-kanoni objettivi ta' din id-diligenza jitqies in kolpa";

Affermat dan, u b'riferiment ukoll ghan-ness tal-kawzalita` li tinzel mill-kliem tal-ligi taht l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili, din il-Qorti, fuq l-istregwa tal-provi u l-aktar dik tal-

perizja, ftit li xejn jista' jkollha dubju illi l-mod tal-kostruzzjoni mis-socjeta` konvenuta tat-triq temporanja msemmija fl-esposizzjoni tal-fatti kienet l-element kontributur determinanti li gab fis-sehh l-event tal-hsarat. Veru li s-socjeta` konvenuta appellanti tittanta targomenta illi l-imgieba taghha b'dik il-kostruzzjoni ma kienetx il-kawza ewlenija u unika ta' dak l-event ghax kien hemm ukoll l-involviment ta' l-ADT bil-bini ta' kanal. Minn naha l-ohra, il-perizja taghmilha cara illi l-ezistenza ta' dak il-kanal ma kienetx tinserixxi ruhha b'daqstant qawwa fil-vicenda dannuza, leziva ta' l-interessi ta' l-atturi, guridikament protetta. Huwa, di fatti, jsostni, anke jekk bi kliem divers, illi, fic-cirkostanzi maghrufa, dak il-kanal ma kienx ta' efficjenza tali li jipprova l-effikacja kawzali u l-potenzjalita` tad-dannu krejat bil-formazzjoni tat-triq u li s-socjeta` konvenuta naqset, meta kienet taf dak il-fatt tal-kanal, milli tipprevedi l-konsegwenzi tal-mod xejn rassikuranti ta' kif kienet dik it-triq. Huwa inutili li s-socjeta` konvenuta tittanta tinnewtralizza jew tiddiminwixxi l-komportament taghha bl-addossar jew il-kontribuzzjoni ta' terzi ghaliex, mehuda flimkien, ic-cirkostanzi jikkostitwixxu, fil-hsieb tal-Qorti, prova sufficjenti tan-nuqqas ta' diligenza taghha fl-ezekuzzjoni tax-xoghol tat-triq temporanja. Jikkonsegwi minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u dawk tal-perizja illi l-ewwel aggravju sottomess ma jistax jitqies fondat;

Fil-kaz tat-tieni aggravju taghha s-socjeta` appellanti tissottometti bi spjegazzjoni illi hi ma kellhiex tkun kostretta thallas ta' hajt gdid u dobblu minflok ta' hajt singlu, antik u bla kisi li kien hemm pre-ezistenti;

Huwa ammess mill-attur illi l-hajt tal-gnien tieghu kien tas-singlu u la kien imkahhal minn gewwa u lanqas minn barra. Huwa accettat minnu wkoll illi hu ddemolixxa dan il-hajt wara l-event tal-hsara u rega' rrikostruwih tad-dobblu. Hu mbaghad minnu dikjarat illi hu kien qed jippretendi nofs l-ispiza ta' din ir-rikostruzzjoni (fol. 10) izda, la dahal il-Qorti, kien issa qed jippretendi l-valur kollu tieghu (fol. 29 u fol. 93). Mhux car mill-atti probatorji jekk

il-hajt kienx fi stat ta’ riparabilita`. Li hu zgur hu li fuq l-istruzzjonijiet tal-Perit Laferla l-hajt gie mahtut u mibni mill-gdid;

Ammess li l-hajt li kien jezisti ma kienx fi stat tali li ssirlu semplici riparazzjoni u kellu b’konsegwenza jigi sostitwit, hu ritenut illi “meta l-oggett danneggjat ma jistax jissewwa u jsir inservibbli, id-dannu ghandu jkun il-valur tas-sostituzzjoni ta’ dak l-oggett b’wiehed gdid” (“**Albert V. Mallia -vs- Henry Formosa**”, Appell Inferjuri, 28 ta’ Settembru, 1949). Naturalment, skond principji rakkomandati f’gurisprudenza kwazi pacifika, min isofri d-danni ghandu, in bazi ghall-principji radikali fil-gjus u fil-pratticita` tal-hajja, jaghmel mill-ahjar sabiex inaqqas l-estensjoni taghhom u dan biex jissalvagwardja bhala *bonus paterfamilias* l-interessi ta’ min tenut eventwalment ihallashom. Ara “**Salvatore Cannata *nomine* -vs- Kaptan Emanoli Skapinakis *nomine***”, Appell Kummercjali, 4 ta’ Mejju, 1953 u “**Antonio Sciberras -vs- Gio Maria Muscat *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 24 ta’ Ottubru, 1966. Dan “anke jekk mhux tenut jippregudika ruhu jew il-proprjeta` tieghu biex inaqqasha” (“**John Xuereb -vs- James Edward Livick *et***” Appell Inferjuri, 3 ta’ Novembru 1956). Wisq logikament, kif ukoll ikkummentat, “il-kwestjoni ta’ x’inhu ragonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara mhix kwestjoni ta’ ligi imma ta’ fatt li ghandha tigi kkunsidrata fic-cirkustanzi ta’ kull kaz partikulari, u l-oneru tal-prova f’dan ir-rigward specifiku jaqa’ fuq il-konvenut”. Ara “**Joseph Aquilina -vs- Emmanuele Schembri**”, Appell Civili, 24 ta’ Jannar, 1969;

Fil-kaz in ezami ngiebet il-prova inkontrastata illi qabel l-event tal-hsara l-hajt kien wiehed tas-singlu filwaqt li dak rikostruwit sar tad-dobblu. B’applikazzjoni tal-principji predetti r-rizarciment kellu jikkorrispondi ghall-qaghda li kienet tezisti qabel ma intervejna ruhu l-fatt li ta lok ghad-dannu. Fl-assenza tal-prova tar-riparabilita` tal-hajt, il-gustizzja sostanzjali kellha tiddetta illi r-reintegrazzjoni tieghu kellha almenu tkun dak ta’ l-ispiza ta’ hajt

ekwivalenti (singlu). Ix-xelta li ghamlu l-atturi appellati li jibnu dan il-hajt tad-dobblu ghall-fini tar-rimedju rizarcitorju ma kellux ikun dak tal-kundanna li timporta ghad-danneggjant sagrificcju izjed gravuz minn dak derivat minn rizarciment *par equivalent* ghal liema tirreferi d-decizjoni ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-12 ta’ Jannar, 1977 fil-kawza fl-ismijiet “**Antonio Zammit -vs- Mario Calleja**”. Fi kliem iehor, ir-rizarciment “ghandu jikkonsisti f’somma li tekwipara l-valur ta’ l-utilitajiet mitlufa” u mhux kull rizarciment, hu x’inhu. Certament, il-gustizzja sostantiva u l-principju ta’ l-ekwita` ma jikkondonawx l-approfittar bit-taghbija ta’ spejjez eccessivi fuq id-danneggjant. Jinzel minn dan, fil-fehma ta’ din il-Qorti, illi, fil-fattispeci, l-eccess bejn in-nefqa ta’ hajt gdid tad-dobblu u l-valur ghall-hajt singlu ghandu jbatuh l-atturi appellati *qua* danneggjati, f’liema kaz, kif hekk, wara kollox, u qabel l-intervent tal-Qorti, ir-rizarciment kellu jkun ekwivalenti ghal nofs l-ispiza inkorsa. Ara xhieda ta’ l-attur Oliver Giorgio a fol. 12. Li jfisser, nofs l-ammont ta’ Lm2060.19 eventwalment kanonizzat mill-ewwel Qorti. Fis-sens ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti qed tilqa’ t-tieni aggravju u ser tghaddi biex timmodifika s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel aggravju tas-socjeta` konvenuta, tilqa’ t-tieni wiehed fis-sens illi tvarja s-somma kanonizzata u tirreduciha ghall-ammont ta’ elf u tletin lira Maltija u disa’ centezmi (Lm1030.09) ekwivalenti ghal elfejn tliet mija disgha u disghin euro u sitta u erbghin centezmu (€2399.46), bl-imghaxijiet mid-data tan-Notifika ta’ l-Avviz (12 ta’ Novembru, 2004). Huwa gust u xieraq illi l-ispejjez ta’ dan l-appell jitbatew nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------